16 ta' Diċembru 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Andrea Avellino *versus* Regina Avellino

**Separazzjoni Personali — Abbandun.**

*Biex l-abbandun jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni personali hemm bżonn, apparti ż-żmien, li jkun sar bla ġusta kawża.*

*L-apprezzament taċ-ċirkustanza "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (jiġifieri bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti.*

*Ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju; imma irid ikun jirriżulta minn fattijiet li juru l-intenzjoni żgura, ferma u pożitiva, ta' min jabbandunа, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabili, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u l-prov-

vedimenti kollha xejn, billi l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja versu l-attur ta' *adulterju, sevizji, minaċċi u inġurji gravi*, u ta' abbandun għal aktar minn sentejn, (1) tiġi pronunzjata bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali, u l-attur jiġi awtorizzat igħix separat minn martu; (2) tkun pronunzjata d-dekadenza tal-konvenuta mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili (Edizzjoni Riveduta) in kwantu applikabili għall-każ; (3) jiġi dikjarat u deċiż illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti spiċċat; (4) u tkun likwidata l-istess komunjoni, u jkunu diviżi l-beni li jirriżultaw f'żewġ porzjonijiet xorta, *li minnhom waħda tkun assenjata* lill-attur u l-oħra lill-konvenuta; (5) u jekk hemm bżonn, ikun nominat perit biex jagħmel din il-likwidazzjoni u diviżjoni, nutar biex jippublika l-att relatv, u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż, flimkien ma' dawk tal-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-attur tal-25 ta' Novembru 1949, li minnha *jidher li huwa rrinunzja għar-raba' u l-ħames talba;*

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni ta' l-attur għas-separazzjoni personali hija bażata fuq adulterju, sevizji, minaċċi u inġurji gravi, u għall-abbandun għal dawn l-aħħar sentejn;

Mill-provi jirriżulta li l-kontendenti żżewġu bla kitba taż-żwieġ fil-21 ta' Frar 1924.......... u l-istess ilhom separati "di fatto" mill-20 ta' Marzu 1934. Fil-kors ta' dana l-perijodu *li l-kontendenti ilhom separati "di fatto"*, l-attur ġie kundannat iħallas lill-konvenuta u wliedha minuri alimenti minn dina l-Qorti..............;

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti kellha okkażjoni tisma' "a viva voce" l-kontendenti u x-xhieda prodotti, u ma tħossiex konvinta moralment mit-teżi ta' l-attur u x-xhieda tiegħu..............;

Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abban-

dun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoè bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti (ara Cassazione Torino, 27 ta' Ġunju 1902, Bordi vs. Laciagna, Giurisprudenza Torinese, anno 1902—1281); kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju (ara Appell Genova 12 ta' Mejju 1892, "N.............. vs. G..............." Giurisprudenza Italiana 1892, Vol. 1, p. 2 — 595), imma jrid dak l-abbandun jirriżulta minn fattijiet li juru l-intenzjoni żgura, ferma u kostanti ta' min jabbanduna li ma jergax imur jgħammar mal-parti l-oħra (ara Appell Trani 30 ta' Ġunju 1899, "Andriol vs. Antonelli", Rivista Giuridica ta' Trani 1899, pag. 723); u fl-aħħarnett ġie affermat illi l-abbandun, biex ikun kundannabili, irid ikun kapriċċjuż u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli (ara Kassazzjoni Ruma 13 ta' Jannar 1890, Cornet vs. Conci Legge, 1891, Vol. I, pag. 255, u Giurisprudenza Italiana, anno 1895, Vol. I, Parte 1, pag. 845; Cass. Ruma 31 ta' Jannar 1895 "Bratti vs. Mazzoli");

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji jingħad li l-konvenuta, sa waqt li qiegħda ssir din il-kawża dejjem riedet tirritorna ma' żewġha, imma dan ma jridx jaf biha; apparti dana, meta hija telqet mid-dar, hija telqet l-għaliex kienet ġiet serjament u gravement ingurjata u msawta minn żewġha, li minn kif xehdet l-istess bintu, li għadha tkellmu, juri li huwa ta' temperament iraxxibili ħafna, tant li darba l-istess bintu, li kienet għamlet, ta' tfal li kienet, xi ħaġa, ma setgħetx torqod l-għaliex il-lejl kollu missierha beda jixgħel u jitfi d-dawl u jiftaħ il-mus u l-lehja d-dar wara xenata;

Illi kwindi, jekk sitta-il sena ilu l-konvenuta telqet id-dar konjugali fuq swat u ingurji gravi, l-istess allontanament tagħha kien ġustifikat;

Illi kwindi mill-provi prodotti t-talba attriċi mhix ta' min jilqagħha:

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi l-għaliex għal dawk rinunzjati tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tagħhom. Bl-ispejjeż għall-attur.